*Kitba ta'* **Winston L. Zammit** B.A. (Hons.) M.A., P.G.C.E.



## *Aspetti tal-Festa Tagħna Nru. 10*

# Il-Mużika tal-Knisja fil-Festa

Il-mużika fil-knisja fil-ġranet tal-festa hija aspett tassew importanti ta' kull festa għax tagħti ċerta solennità lill-funzjonijiet tal-festa.

F'Malta fis-seklu XIX, kien hawn żewġ familji marbuta mal-mużika tal-knejjes; dawn kienu l-familji Nani u Bugeja. Fejn tidħol din il-mużika, Malta kienet qisha maqsuma f'żewġ partiti min ma' Nani u min ma' Bugeja.

Il-knisja tagħna nfetħet fis-26 ta' Ġunju 1881, b'festa tassew solenni. Dakinhar filgħodu saret quddiesa solenni fid-9.00am, u l-mużika kienet diretta mis-Surmast Anton Nani.[1] Il-mużika tas-Surmast Nani, terġa' tissemma fil-festa titulari ta' l-1894.[2]

### Is-Surmast Albert Vella

Fil-festa ta' l-1908, il-mużika kienet f'idejn is-Surmast Albert Vella, li reġa' ħabbat ukoll fil-festa ta' l-1912.[3]

Fl-1919 minħabba xi nuqqas ta' ftehim, il-mużika tal-festa tħalliet f'idejn is-Surmast Paolino Vassallo[4] u l-istess reġa' ġara fis-sena ta' wara.[5] Iżda s-Surmast Vella reġa' ħabbat fil-festa titulari tas-snin 1923,[6] 1927, 1928[7] l-imsemmi Surmast Albert Vella, li kien il-*Maestro di Cappella* ta' diversi knejjes miet ġewwa Tas-Sliema fid-29 ta' Lulju 1931, fl-età ta' 65 sena.[8]

### Is-Surmast Ferdinandu u Ġużeppi Camilleri

Fil-festa titulari ta' l-1932, nafu li l-mużika kienet tas-Surmast Camilleri iżda ma nafux jekk is-surmast kienx Ferdinandu jew inkella ibnu Ġużeppi[9] u nsibu li fis-sena ta' wara (1933) l-ispejjeż tal-mużika tal-festa laħqu s-somma ta' £11.[10] Iżda fl-1938 jingħad biċ-ċar li ħabbat is-Surmast Ġużeppi Camilleri, li ngħata l-ħlas ta' £14 għal tliet servizzi, li probabbilment kienu Translazzjoni u Primi Vespri, quddiesa solenni u Sekondi Vespri.[11]

Il-mużika tas-Surmast Camilleri terġa' tissemma fil-festa titulari ta' l-1940, li ġiet iċċelebrata l-Ħadd 9 ta' Ġunju 1940, jiġifieri lejlet il-bidu tal-gwerra ma' l-Italja. Dik is-sena s-Surmast Camilleri ħabbat kemm fit-Tridu u lejlet u nhar il-festa.[12]

Fis-sena ta' wara sar ħlas għall-mużika iżda ma nafux minn min.[13] Fil-festa tas-sena ta' wara 1942, meta parti mill-knisja kienet sfat imġarrfa, minħabba l-attakk mill-ajru ta' l-1 ta' April 1942, ma tissemmiex mużika.[14]

Is-Surmast Ferdinandu Camilleri f'Tas-Sliema fit-8 ta' Marzu 1942 fl-età ta' 83 sena.[15] Fis-sena ta' wara 1943 billi Malta ma kinitx għadha fi stat ta' assedju, u kienet se ssir l-invażjoni ta' Sqallija, il-festa reġgħet ġiet iċċelebrata b'ċerta solennità. Ħabbat is-Surmast Camilleri, din id-darba żgur Ġużeppi, fit-Tridu u fil-festa proprja.[16] Is-Surmast Camilleri reġa' ħabbat kemm fit-Tridu u fil-festa ta' l-1944, fil-festa ta' l-1945, meta t-Tridu sar biss bil-vuċijiet, u fl-1946 u fl-1947 meta kemm it-Tridu u l-festa, saru bil-mużika.

It-tagħrif dwar il-mużika fil-ġranet tal-festa fis-snin 50 tas-seklu għoxrin huwa skars ħafna. Nafu li fl-1951 sar ħlas ta' £40 għall-mużika tal-festa, filwaqt li fl-1960, il-ħlas kien ta' £48, iżda ma nafux lil min sar il-ħlas. Iżda huwa wisq probabbli li l-ħlas sar lis-Surmast Ġużeppi Camilleri.[18]

### Patri Ġakkin Ġrech OFM

Bejn l-1965 u l-1967 il-mużika tal-festa kienet f'idejn il-mużiċista Patri Ġakkin Grech OFM, iżda fl-1968 meta l-parroċċa fakkret b'solennità kbira l-ħamsin anniversarji mit-twaqqif tagħha, il-mużika tmexxiet mis-Surmast Ġużeppi Camilleri. Patri Ġakkin Grech reġa' ħabbat fil-festa titulari tas-snin 1969, 1970, 1971, 1973, u fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' l-1970 żanżan quddiesa b'żewġ vuċijiet bil-Malti.

Billi wara l-kapitlu provinċjali ta' l-1973, Patri Ġakkin Grech OFM mar iwettaq il-Ministeru Pastorali tal-Kanada, il-mużika tal-festa titulari reġgħet għaddiet f'idejn is-Surmast Ġużeppi Camilleri, li reġa' ħabbat fis-snin 1974-1976. Fl-1976 kienet l-aħħar sena li fiha ħabbat is-Surmast Camilleri. Is-surmast kien jidher għajjien sewwa, tant li f'dik is-sena ma mexxiex l-orkestra mill-gallarija ta' l-orgni, iżda qagħad isfel fil-kappellun

ta' San Lawrenz. Fil-fatt is-Surmast Camilleri miet xahar wara fid-19 ta' Awissu 1976.

Fis-sena ta' wara (1977) fit-Tridu ħabbat is-Surmast F.X. Sammut, filwaqt li l-Primi Vespri u l-quddiesa solenni tal-festa saru bil-mużika tas-Surmast Camilleri. Is-Surmast F.X. Sammut reġa' ħabbat fil-festa titulari ta' l-1979.

## Il-Mużika tas-Surmastrijiet Bugeja

Fil-festa titulari ta' l-1980 il-mużika bit-Tridu tmexxiet mis-Surmast Joe Galea, filwaqt li fil-festa l-mużika kienet tas-Surmastrijiet Bugeja u ġiet esegwita mill-mużiċisti taħt id-direzzjoni ta' Patri Salv Galea OP. B'hekk daħlet fil-ġranet tal-festi l-mużika tas-Surmastrijiet Bugeja li bqajna nisimgħu s'issa, kull sena taħt id-direzzjoni ta' Patri Salv Galea OP. Sa l-1993 Patri Salv kien jagħmel tliet servizzi li kienu t-Translazzjoni u l-quddiesa solenni ta' lejlet il-festa, il-quddiesa solenni ta' nhar il-festa, u s-Sekondi Vespri nhar il-festa filgħaxija. Iżda mill-1994 dawn is-servizzi saru biss tnejn billi tneħħew is-Sekondi Vespri ta' nhar il-festa. Ta' min isemmi wkoll li fl-1989, fil-ġranet tal-festa bdiet tindaqq antifona ġdida, kompożizzjoni ta' Patri Anton Briffa OFM Cap, li ġiet regalata lill-knisja parrokkjali mill-każin tal-Banda Sliema bit-tħabrik ta' Patri Rajnerju Zammit OFM Cap, iben il-parroċċa. Dwar it-tridu f'dawn l-aħħar snin, il-mużika dejjem kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Tony Perry, li f'dawn il-ġranet jidderieġi wkoll il-kor parrokkjali.

**Referenzi:**


[1] C(arriere) M(ercantile) M(altese), 27th June 1881
[2] *Il Risorgimento*, 6th June 1894
[3] *Malta e Sue Dipendenze*, 11th July 1908, 27th June 1912
[4] *Malta* 1st July 1919
[5] *The Malta Herald*, 30th June 1920
[6] Fil-programm tal-festa ppubblikat fil-gazzetta *Malta* nhar it-12 ta' Ġunju 1923, ntqal li *La Musica verra diretta dal bravo Maestro Signor Albert Vella*.
[7] Fil-gazzetta *Malta* tat-28 ta' Ġunju 1927 insibu mniżżel li *La Musica nel Triduo e nella Festa è affidata al Maestro Signor Alberto Vella*, filwaqt li fil-gazzetta *Malta* tad-19 ta' Ġunju 1928 insibu mniżżel li *La Musica sara diretta dal Mro. Signor Alberto Vella*.
[8] *Malta Tagħna*, 15 ta' Awissu 1931, *Malta* 30th July 1937
[9] *L-Anġlu tal-Paċi*, Lulju 1932, No.7 p.253.
[10] A(rkivju) P(rovinċjali) P(atrijiet) M(inuri) V(alletta) / Atti oriġinali Sliema, Vol. 2, Dokument 140.
[11] *Ibid.* Amministrazione Sliema 1937-1942, Esito di Luglio 1938.
[12] *Ibid.* Esito dei Giugno 1940. Għal dawn is-servizzi s-Surmast Camilleri tħallas £9.10.0
[13] *Ibid.* Esito di Luglio 1941. Il-ħlas kien biss bi £3. Probabbilment kien is-servizz tal-quddiesa tal-festa.
[14] *Ibid.* Amministrazione Sliema (1942-1947). Esito di Luglio 1942.
[15] *Leħen is-Sewwa*, 11 ta' Marzu 1947.
[16] APPMV. Amministrazione Sliema (1942-1947). Esito Luglio 1943. Is-Surmast Camilleri ngħata s-somma ta' £22 għas-servizz tiegħu.
[17] APPMV. Amministrazione Sliema (1942-1947). Esito Luglio 1944, Esito Guigno 1945, Esito Luglio 1946, Esito Luglio 1947.
[18] Minn din ir-referenza 'l quddiem, it-tagħrif kollu huwa fil-pussess ta' l-awtur.





Romar Boutique

137, Manwel Dimech Street, Sliema.

Tel. 2131 1691

For Smart & Casual Wear
Evening & Underwear
Big sizes available